PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10262 — Facebook/Kustomer)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 258/09)

1. Fil-25 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Facebook, Inc. ("Facebook", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Kustomer, Inc. ("Kustomer", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Facebook takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Kustomer kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

Il-konċentrazzjoni ġiet riferuta lill-Kummissjoni mill-Bundeswettbewerbsbehörde, l-Awtorità Awstrijaka tal-Kompetizzjoni, skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Sussegwentement, il-Belġju, il-Bulgarija, Franza, l-Iżlanda, l-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall u r-Rumanija ngħaqdu mar-riferiment.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Facebook: il-forniment ta' websites u applikazzjonijiet għal apparati mobbli li joffru networking soċjali, komunikazzjonijiet tal-konsumatur u funzjonalitajiet ta' kondiviżjoni ta' ritratti u videos, inklużi tliet kanali ta' messaġġi: Messenger, WhatsApp u Messaġġi Instagram,

— Kustomer: toffri software għall-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-klijenti (customer relationship management, CRM) bħala servizz li jispeċjalizza fl-assistenza lill-aġenti tas-servizzi għall-klijenti tan-negozju biex jiġġestixxu l-komunikazzjonijiet mal-konsumaturi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10262 – Facebook/Kustomer

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË